MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 47/2012

**GO p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Denise Mallia (ID 243076M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta'attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' tmien t'elef, hames mija, tmienja u sebghin ewro u hamsa u disghin centezmu (€8578.95), rappresentanti ammont mill-konvenut dovut in konnessjoni ma':

(i) stokk ta' prodotti fil-pussess tal-konvenut, liema stokk ghandu l-valur ta' sitt elef wiehed u tletin ewro u erbghin centezmu (€6031.40);

(ii) l-ammont ta' sitta u tletin ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€36.25) in konnessjoin mas-servizz 99478787 (AC 50762381)
(iii) l-ammont ta' erba' mija sitta u erbghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€446.45); in konnessjoni mas-servizz 79476104 (AC 50852192);
(iv) l-ammont ta' elfejn u erbgha u sittin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€2064.85) in konnessjoni mas-servizz 79792118 (AC 40174750).

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-presenti, u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-atti minn fol 2 sa fol 23 skond l-elenku a fol 2 ibid.

Rat il-verbal tas-seduta tallum stess u li minnu jirrisulta li l-istess konvenuta ammettiet it-talbiet attrici kollha (fol 30 tal-istess atti)

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €8578.95 bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Frar 2012 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha inluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------